IL-PULIZIJA
Organu tal-"Pulizija ta' Malta"
Ippubblikat minn
Associated News (M) Ltd.
Stampat mill-Penprint Ltd.
MEJJU/ĠUNJU 1982

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA

KOPERTINA:

Pulizija mara flimkien ma turisti fil-Belt Valletta

F'DIN IL-ĦARĠA

It-12 ta' Lulju 1814 – Twaqqif tal-Korp Tal-Pulizija ta' Malta.....p. 1

Artiklu dwar Malta f'Magazine Ġermaniż.....p. 3

Mutual Help Association.p. 3

Do We Need to revise Our concept of Crime Control?.....................p. 5

Is-Suwiċidji f'Malta.......p. 7

Il-Progress fit-Toroq Tagħna.....................p. 13

Ħidma ta' Helmut Ziegner Fost il-Ħabsin............p. 15

Police Around The World – Finland...................p. 17

Mill-Imgħoddi...........p. 20

# IT-TNAX TA' LULJU 1814 TWAQQIF TAL-KORP TAL-PULIZIJA F'MALTA

minn EDWARD ATTARD

Għalkemm f'Malta, fl-imgħoddi, minn dejjem kien hawn xi taqsima ta' l-amministrazzjoni tal-Gżejjer Maltin li kellhom id-dmir li jħarsu ż-żamma ta' l-ordni u d-dixxiplina fil-pajjiż, saħansitra minn żmien l-Għarab (870 W.K.) meta dan ix-xogħol kien f'idejn *s-sahib el-xutra*,[1] iżda huwa fit-12 ta' Lulju 1814 li ġie stabbilit il-Korp tal-Pulizija kif nafuh illum.

Kif ħa t-treġija tal-Gżejjer Maltin, Sir Thomas Maitland, Gvernatur ta' Malta bejn l-1813 u l-1824, huwa sab li f'Malta kien hawn taħlita sħiħa ta' korpi jew taqsimiet tal-pulizija li kellhom ġurisdizzjonijiet differenti li kienu jwasslu għal ħafna kwistjonijiet bejn taqsima u oħra. Għaldaqstant il-Gvernatur Maitland bi Proklama XXII tal-1814 ordna li mit-12 ta' Lulju 1814, is-setgħat li sa dak iż-żmien kellhom dawk kollha li kellhom x'jaqsmu ma' l-amministrazzjoni tal-Ġustizzja li kienu: il-pulizija mwaqqfa ftit taż-żmien qabel minħabba l-pesta; il-Castellano jew President tal-Ġustizzja; il-Capitano di Verga jew il-ħakem tal-belt; l-Imħallef tal-Qorti Kriminali; il-Maġistrati tal-Pulizija u l-Avukati fiskali ta' Malta u ta' Għawdex; dawn il-karigi kellhom jispiċċaw darba għal dejjem u l-istess ġara għall-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija mwaqqfa dak iż-żmien.

B'effett mill-istess data, 12 ta' Lulju 1814, il-Gvernatur Maitland ordna li l-Pulizija ta' Malta għandha tkun f'żewġ dipartimenti distinti – wieħed ta' Pulizija Esekuttiva u l-ieħor Ġudizjarju. Il-kmandant tal-Pulizija kellu jkun l-Ispettur Ġenerali tal-Pulizija (illum magħruf bħala Kummissarju) u il-kapijiet tat-taqsima ġudizjarja saru l-maġistrati ta' Malta u Għawdex.

F'indirizz lill-Imħalfin, konsli u awtoritajiet legali oħra fit-2 ta' Jannar 1815, fl-okkażjoni tal-ftuħ ta' l-ewwel perjodu tal-Qrati, il-Gvernatur Maitland, għal darb oħra għamel enfasi li f'Malta kellu jkun hawn distinzjoni bejn dawk li jagħmlu l-liġijiet; dawk li kellhom id-dmir jaraw li ma jinkisrux il-liġijiet u dawk li jiġġudikaw lil min jikser il-liġijiet.[2]

Mhux l-għan tiegħi li f'dan l-artikolu nittratta r-riformi legali iżda se nsemmi biss il-poteri li ingħataw lill-pulizija biex tarresta persuni ħatja ta' xi offiża kontra l-paċi pubblika jew ir-Regolamenti tal-pulizija ta' dak iż-żmien u li meta jkun possibbli, tressaq lil dawk arrestati mill-aktar fis quddiem il-qorti u f'ebda każ, iż-żmien ta' arrest, ma għandu jkun ta' aktar minn jumejn. Il-pulizija kellha wkoll tiġbor ix-xhied kollha meħtieġa dwar il-każ meta dan ikun se jiġi trattat mill-Maġistrat. Dan il-pulizija baqgħet tagħmlu sal-lum.

### Kmandanti tal-Korp

Mill-1814 sal-lum, il-Korp tal-Pulizija kellu sitta u għoxrin kmandant taħt diversi ismijiet ta' ħatra. L-ewwel kmandant, bl-isem ta' Spettur Ġenerali tal-Pulizija, kien il-Konti, Kurunell Francis Rivarola, Korsikan, li kellu karriera sabiħa fil-militar u li wara li spiċċa minn kmandant tal-Korp, f'Novembru 1822 huwa kompla jservi fil-militar bħala kmandant tar-Reġiment tar-Royal Malta Fencibles u wara spiċċa bħala Gvernatur ta' Zanti.[3]

•għal paġna 10

# MAGIC KIOSK

## Restaurant, Bar & Cafe

Meals served throughout the day
Open 8.00 a.m. to Midnight
St. Anne Square, Sliema. Tel: 35653

**A FREE bottle of Maltese wine**
**will be given with a meal for two persons**
**on presentation of this advertisement**

No Service/minimum charge



# ARTIKLU F'MAGAZINE ĠERMANIŻ DWAR MALTA

Grupp ta' membri tal-Pulizija flimkien man-nisa tagħhom minn Coln, il-Ġermanja, qattgħu btala f'Malta, f'Awissu 1981 u żgħaru l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija kif ukoll l-Għassa tal-Pulizija ta' Victoria, Għawdex, flimkien ma' postijiet oħra storiċi u ta' interess.

Oriġinarjament, il-btala tagħhom kellha tkun fl-Eġittu, iżda ftit żmien qabel kellha tibda l-mawra tagħhom hemmhekk, kien hemm il-qtil tal-President Sadat u għaldaqstant iddeċidew li jiġu Malta, post li kienu qatt ma raw. F'artiklu f'magazin tal-Pulizija Ġermaniż, huma taw dettalji dwar il-mawra tagħhom f'Malta u wżaw kliem ta' tifħir dwar Malta.

**Il-Ġermaniżi quddiem il-bieb ta' l-Għassa tal-Pulizija ta' Victoria, Għawdex. ▶**



# Mutual Help Association

Il-kontribuzzjonijiet tal-*Mutual Help Association* ta' dawn l-aħħar xhur kienu għall-familjari ta' l-imsemmija ex-membri tal-Korp:



ex-Surġent Nru. 9
Anthony Pace



ex-Kuntistabbli Nru. 76
Joseph Grixti



ex-Kuntistabbli Nru. 378
Emanuel Xuereb



ex-Surgent Nru. 96
Emanuel Vella

*Agħtihom O Mulej il-Mistrieħ ta' dejjem.*

**Better Shop at:**

# CLAVIS

7, Republic Str., Valletta Tel: 626869
41, Tower Road, Sliema Tel: 35920

If you want good value for your money or even some Jewellery for Investment purposes.

If you are buying an Engagement ring buy her a nice one because you will be faced with it all your life.

As for the Wedding Rings bring her along, so that you will not do anything wrong.

**BRING THIS CARD WITH YOU AND GET 10% DISCOUNT**

**SHARE OUR LUCK, SHOP AT CLAVIS.**




# Do We Need To Revise Our Concept Of Crime Control?

## by Dr. Paul Cassar M.D., D.P.M. F.R.Hist.S. (Lond.)

Delinquency is but one aspect of the wide range of human behaviour; hence so long as the springs and vagaries of human behaviour remain obscure and, sometimes, unexplainable, it is inevitable that doubts and questions will arise as to the effectiveness of our management of the law breaker.

This paper deals very briefly with the musings on this topic that have engaged the mind of a psychiatrist during his thirty-years of professional experience in our law courts and of his studies of the international literature on the subject.

### Juvenile Delinquency

Some psychologists tend to see in the juvenile wrongdoer a sick person and not a naughty or wicked individual. Others view him as an emotionally immature person. Consequently the former advocate psychiatric treatment while the latter emphasise an approach of understanding and love to help him to attain the necessary maturity and stability of character. There is no doubt that there are psychologically sick and immature persons among juvenile lawbreakers but there are also normal individuals who are simply anti-social and who need a different kind of management from the sick and immature person. What is of paramount importance is to follow up all juveniles who fall foul of the law for the first time at adolescence because crime at this age may be indicative of a blossoming psychopathic personality with its repetitive clashes with the law and its persistent unresponsiveness to conventional punitive and other remedial measures.

### Social Causes of Crime

Some social reformers ascribe crime to poverty; but others contend that when there was more poverty, when people were less well housed and not so well fed one heard less of the occurence of crimes than to-day. They, therefore, seek the causes of crime elsewhere such as the family milieu (parental lack of discipline, husband-wife discord, mishandling of the child, bad examples from family) or the social environment (unemployment, slums, bars, friends.) This view tends to exonerate the individual from guilt and sees crime as a protest against parental authority or against retrograde social thinking and an unjust economic order. But how far is crime actually a manifestation of these factors, if at all?

### Attitude of the Public Towards Crime

The public shows a morbid curiosity about crime. The press tends to heighten this curiosity and in fact there are, in some countries, magazines that are devoted exclusively to crime reading and reporting. T.V. also shows many films with crime as their themes. These media tend to stimulate delinquency by teaching potential criminals how to commit offences and how to evade detection. They also tend to enhance the image of the criminal as an interesting and clever person boosting his self-importance and self-pride.

When a suspect is brought to court the public's attitude may be one of leniency once the initial shock of the crime imputed to him has subsided. In fact the public is inclined to show more concern over the accused's restriction of liberty while he is awaiting trial than over the plight of the bereaved family and the burden of the damages suffered by the wronged person.

### Imprisonment

The motive behind imprisonment is the protection of society and the reformation of the offender and not merely the infliction of punishment. It is an effort to reintegrate him into the social structure once he leaves prison by providing educational facilities and vocational training during his detention. Some people deny the effectiveness of imprisonment in reaching these aims. On the contrary they maintain that imprisonment far from combating criminality tends to foster it by facilitating contacts among criminals hitherto unacquainted with one another. They, therefore, suggest replacing imprisonment by the infliction of heavy fines and making good the damages caused to the victim. Others hold that prison life is not uncomfortable enough to form a deterrent to the offender and they ask:- "Aren't we too tolerant with the wrong doer? Is this tolerance born of sentimentalism? or of a sense of ignorance on our part because we have been unable to devise a better system than imprisonment? or of weakness and of fear because we do not want to antagonise the offender lest he will hit back when he is free again?

### The Jury System

Are we justified in retaining the jury system? Is not a jury system an indication of distrust and lack of confidence in the judiciary? Is a lay jury more competent than the judge to assess the facts of the case especially where technical points of a medical, psychiatric and ballistic nature are involved? Is a jury objective enough in reaching a verdict and isn't it prone to be swayed by the emotional appeals of the prosecution or of the defence? Is the jury immune from the influence of rumours, comments and stories in the press and of political prejudice or preconceived opinions?

### The Study of the Personality of the Offender

The study of the personality of the offender before sentence is delivered is a point worth pursuing for it is useless to expect an offender to reform if he is subject to an intellectual defect or if he suffers from a psychopathic per-

•cont. on p. 9




**GIRMI ELECTRIC DOMESTIC APPLIANCES**

manufacture
appliances for the kitchen
appliances for the household
beauty care equipment

- after sales service
- spare parts always in stock
- available from leading household stores

*Sole Agents and Distributors:*

**G. Grech & Bros. Ltd.,**
33-336 Fleur De Lys Rd.,
Birkirkara
Tel: 41738.



# Carini Stores

**Stockists of**

**BATHROOM SUITES, CERAMIC TILES & GENERAL BUILDING MATERIALS**

OFFICE & SHOWROOM:
435, ST. JOSEPH HIGH ROAD,
ST. VENERA. **(under The Arches)**
Telephone: 40202

# IS-SUWIĊIDJI F'MALTA

mill-Kavalier Joseph Galea

Jekk wieħed jirnexxilu jneħħi ħajtu b'idejh, igħidu li kien miġnun, li marritlu żmerċ xi rota minn moħħu. Jekk ma jirnexxilux kawżi jgħodduh bi kriminali, għax tneħħi ħajtek l-istess bħal tneħħi ħajjet ħaddieħor. Jibqa l-fatt li min jikkontempla suwiċidju, għandux dritt moralment jiddisponi minn ħajtu, jew le, skond il-kuxjenza libera tiegħu.

Mill banda l-oħra, jekk il-ħajja ġiet mogħtija lilu minn Alla, għandux dritt ineħħi, jew jiddisponi minn dak li mhux tiegħu.

Il-*Codex Juris Canonici*, kan. 965, V (Vat. 1931) jagħmluha ċara li "min jagħmel ħsara lill ħajtu, jew lil ħaddieħor," ma jistgħux jagħtuhom issagramenti, u anqas ma jistgħu jindifnu f'lok sagru (Kan. 1240).

X'iġiegħel lil wieħed biex jasal joqtol ruħu b'idejh? Il-ħajja ta' kuljum hi hekk mgħobbija b'diffikultajiet li kull wieħed minnha żguri li xi darba f'ħajjitna konna ġarrabna, jew għadda minn għalina xi gwaj, li seta baqalna ferita f'qalbna, li għalkemm wara żmien tkun qisha għalqet, donnu li meta jiġi r-riħ tagħha, terġa tinħass mhux ftit.

Fl-istorja tad-dinja għandna tliet każijiet ta' suwiċidji li baqgħu jissemmew u mfakkra: dak ta' Kleopatra tal-Eġittu, li ippreferit tneħħi ħajjitha b'idejha bil-gidma tas-serp velenuz, milli jeħduha bħala "għelm tar-rebħa" lejn Ruma. It-tieni dik ta' Sokrate, li mġiegħel jixrob il-velenu, għalkemm kontra l-volontà tiegħu, neħħa ħajtu b'idejh, b'telfa kbira għad-dinja. It-tielet dak ta' Goering, il-ministru tal-Ġermanja taħt Hitler, li waqt il-ġuri ta' Nuremberg, ħa doża ta' ferri cyanide, u wara żewġ minuti mar għand Alla.

Fl-istorja ta' Malta u Għawdex, is-suwiċidji li baqgħu jissemmew mhumiex wisq, għaliex quddiem il-liġi tagħna dawn huma konsiderati bħala kriminali irresponsabbli. B'dankollu għandna każijiet li għamlu leħen fi żmienhom.

L-aqwa wieħed li hu mfakkar hu dak ta' Bernardo, fi żmien l-assedju ta' Għawdex mit-Torok fis-sena 1551. Dan l-eroj biex ma jħallix li wliedu l-bniet jaqgħu taħt idejn il-Misilmin, qatilhom waħda waħda, u fl-aħħar neħħa ħajtu b'idejh ukoll. Att bħal dan ngħidulu erojku, iżda hu kellu dritt imur kontra l-volontà ta' wliedu li jneħħilhom ħajjithom?

Il-każijiet tas-suwiċidju f'dawn il-gżejjer tagħna huma varjati kemm kif ġew imwettqa, u sew min kien għamilhom. Hemm każijiet ta' tgħallieq fid-dar bil-moħbi, jew f'għalqa ma' siġra, jew għarqa f'bir jew ġibja; bixxorb tal-ispirtu tal-melħ, jew velenu ieħor; b'arma tan-nar, jew qtugħ tal-gerżuma; iżda l-aktar li kienu popolari u komuni huma dawk li jintefgħu minn fuq il-Lift tal-Barrakka ta' fuq, jew minn fuq is-swar ta' ħdejn il-Barrakka t'isfel għal Barriera, ix-xatt tal-Belt, fejn aħna tal-belt ngħidulu ħdejn Wills.

Jissemma l-każ tal-Isqof ta' Malta Fra Baldassare Cagliares (1614 – 1633) li fl-aħħar ta' ħajtu kien tant marid, li tilef il-boxxla, u waqt li kien sejjer passiġġata fit-triq tal-Buskett f'mument ħażin li għadda minnu, fettillu jaqbeż ġewwa bir.

Il-każijiet tas-suwiċidji li huma rekordjati u dokumentati huma dawk ta' żmien l-Ingliżi, minn meta l-Gvernatur Sir Thomas Maitland kien għamel l-aqwa riforma li kienet tinħtieġ Malta. Irriforma s-sistema tal-Qrati, għamel il-Korp tal-Pulizija, u dak kollu li kienet tinħtieġ Malta biex tneħħi minn fuqha l-għabra tażżmien u l-għanqbut fuqhiex kienet ilha mibnija.

B'riħet hekk għandna dokumentazzjoni ġdida f'kull qasam tal-ħajja.

L-ewwel każijiet reġistrati niltaqgħu magħhom fis-sena 1814. In-nobbli Francesco Parisio-Muscati, kavalier ta' l-Ordni ta' San Ġwann, kien tah ferħ ta' ġenn nhar it-12 ta' Jannar 1814, u qabeż fil-ġibja taddar tiegħu, Palazzo Parisio, fi Triq il-Merkanti, fejn illum hemm il-Foreign Office ta' Malta. Kellu 41 sena, u fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi (1798 – 1800) kien wieħed mill-partiġjani. Meta miet il-Kanoniku F. Saverio Caruana, li minn għalieh kien jikkmanda dawn il-gżejjer, caħad li dan jindifen fil-knisja ta' San Ġwann, tal-kavalieri, kif kienet id-drawwa, u minflok difnuh fiċċimiterju tal-Furjana, fejn hemm il-parroċċa tal-lum.

Fix-xahar ta' Lulju tal-istess sena, Dun Onorato Casha, kappillan tal-kavalieri, kien qabeż ġewwa l-ġibja tal-isptar (Sakra Infermerija) u għereq. Imħabba l-femiet tiegħu politiċi, l-istess, ma difnuhx fil-kennirja ta' San Ġwann, imma fil-Furjana.

Mhux possibbli li nġibu l-każijiet kollha kemm għaliex il-lista hi twila wisq, u sew għaliex l-ispazju fi ***Il-Pulizija*** ma jippermettilnix. Iżda sejrin insemmu żewġ każijiet oħra kurjużi, li fi żmienhom kienu qanqlu għagħa kbira fost il-poplu.

Nhar il-15 ta' Ġunju 1868, il-perit Giuseppe Grech, kien ħareġ mid-dar tiegħu u mar in-Naxxar. Meta wasal fir-raħal baqa' sejjer lejn l-iskola tal-bniet, u x'ħin wasal staqsa biex ikellem lis-sinjora, is-sinjorina Virginia Magri. Il-purtinara tal-iskola qaltlu li ma kienitx tista' tgħid lis-sinjora li kien hemm min staqsa għaliha, għax kien projbit. Iżda hu insista mhux ftit u qallilha li kellu premura li jwassalha tagħrif. Għalhekk il-purtinara marret tgħidilha, u ftit wara ġiet is-sinjora b'sitt itfal magħha. Kif resqet lejh qalilha jekk kieneitx biddlet il-fehma dwaru, billi kienet irrifjutatu li tieħdu b'għarus. Hi wieġbet minnufieh li ma xtaqitx li tieħu l-istat tagħha. Il-perit, disappuntat, dlonk ħareġ pistola minn butu u sparalha, laqatha f'wiċċha, u għamillha ferita ħafifa, u wara dawwar il-kanna lejh u spara għalieh innifsu, u waqa' mejjet quddiemha.

•għal paġna 9




CHARLES DARMANIN & CO. LTD. Tel: 624310



•minn paġna 7

## IS-SUWIĊIDJI F'MALTA

Każijiet bħal dan, ta' rifjut, insibuh f'kull rokna tad-dinja u f'kull żmien.

L-aqwa storja ta' suwiċidju li kien baqa' misterjuż ftit żmien, u li kien wassal bniedem innoċenti fuq il-forka, hu l-każ tal-kappillan ta' Ħ'Attard.

Mela, darba wara nofsinhar, hu u niżel l-Isqof Vincenzo Labini mill-Imdina bil-kaless u l-parilja, fi triqtu lejn il-Belt, x'ħin wasal fl-inħawi tat-triq, nitfa 'l bogħod mil-parroċċa, lemaħ lil. kappillan tar-raħal flimkien ma xi bdiewa jitgħażżnu u jitkellmu bil-qegħda għad-dell. Waqqaf il-kaless, u sejjaħ lil kappillan ħdejh. Kif resaq, Dun Delicata, wara li baxxa u sellem b'rasu lill-Isqof, Labini beda jgħajru u ġigħelu jmur lura lejn il-knisja, għax hemm kien postu, u mhux jgħaddi ż-żmien band'oħra. Għal dan il-kliem, il-kappillan kollu mistħi u miksur, telaq lejn il-knisja. Daħal ġewwa s-sagristija, u minn kaxxarizz, jew armarju, ħa l-muftieħ tal-ġnien li kellu sew sew biswit il-knisja. Mar lejn il-ġnien, fetaħ u daħal, mar lejn il-bir li hemm fir-rokna, qabaq il-ħabel u ddendel miegħu, wara li tala fuq il-ħerża tal-bir.

Filgħaxija, meta sar il-ħin biex jingħad ir-rużarju u l-kappillan jagħti l-barka, bħal ma kien soltu il-kappillan ma deherx. Fittxewh kullimkien u ma nstabx. Is-sagristan mar jiġri lejn il-ġnien, biex jara jekk il-kappillan għall li jista jkun, kienx rieqgħed hemm, u x'ħin daħal, isibu mdendel mejjet, u jitbandal ħada l-bir. Is-sagristan iġġennen: u ġieh skruplu li jmur igħid x'kien sab, u minflok fetaħ l-għatu tal-bir, qata' l-ħabla li magħha kien mgħallaq il-kappillan, u erħilu jaqa' fil-bir. U reġa' għatta l-bokka, u telaq inkiss inkiss lejn il-knisja, mingħajr ma qal xejn b'dak li kien ra u sab.

Il-kappillan baqa' ma nstabx, iżda wara xi jumejn uħud qalu li kienu raw lis-sagristan dieħel bil-moħbi fil-ġnien tal-kappillan, u wara ftit kienu rawh ukoll ħiereġ inkiss inkiss, donnu mitluf minn sensieh. Għaldaqshekk għamlu tfittxija fil-ġnien u sabu lil kappillan mejjet fil-bir. Arrestaw lis-sagristan u akkużawh bil-qtil tal-kappillan. Wara li nstemgħet il-kawża, għax ma kienx għad hemm il-ġuri, qatgħuhilu għall mewt, u dendluh fl-inħawi tal-knisja tal-Mirakli lejn Ħal Lija.

Il-kappillan difnuh fil-knisja fuq in-naħa tax-xellug fil-kappellun, u lis-sagristan difnuh f'ħofra li kienu jħaffru ħada fejn tkun saret il-forka.

Għadda ż-żmien u nkixfet l-istorja kollha. Iżda s-sagristan miskin kienu qatluh għal ta' xejn, inġustament.

Hu x'inhu, il-mottiv biex dawn l-imsejkna kienu waslu f'din l-estrimità, jista' jkun li kien l-inkwiet, li jgħix miegħek, jorqgħod miegħek, u jqum qablek.

Kien hemm min neħħa ħajtu għax kellu disappuntament fl-imħabba; kien hemm min ħalla l-iskrupli jirkbuh, filwaqt li wħud wettqu biċċa bħal din għall-gost, qisha ħaġa tal-logħob. Fi żmienna hawn uħud li qed jagħmlu suwiċidju biex il-fehmiet politiċi li għandhom ikollhom widen, jaħasra, u jneħħu ħajjithom b'idejhom billi jsumu sakemm jintemmu u jmutu.

Meta jiġru każi bħal dawn li semmejna, ix-xogħol kollu għall pulizija. L-ewwel iridu jidentifikaw min hu l-katavru; ifittxu biex isibu x'kien il-mottiv li wassal għad-deċiżjoni li wieħed ineħħi ħajtu b'idejh; jinvestigaw lill-qraba u ħbieb tal-mejjet; jittrasferixxu l-katavru lejn il-kamra tal-mejtin tal-isptar għall awtopsja, u jagħmlu inkjesta bil-magistrat.

Mument ħażin li jista' jgħaddi minnu kulħadd, Alla ħares qatt.

•cont. from p. 5

## CRIME CONTROL

sonality. It is of extreme importance to spot these two morbid conditions as their existence is of more significance than the offence itself in deciding the choice of sentence that best fits the offender, i.e. whether probation or imprisonment or psychiatric care.

### An Institute of Forensic Medicine

At a meeting of the International Academy of Legal Medicine and Social Medicine, held in Malta in 1974, I stated that forensic medicine "is continually expanding its boundaries and that its offshoots are for ever outgrowing their parent. For this reason the organisation of the teaching and, more particularly, the practice of forensic medicine deserve to be (a) established as a department or institute in its own right, administratively separate from, and independent of, any other medical service; (b) provided with the means and facilities for the collection of medico-legal material to further enlarge the practical instruction of students and graduates and widen the scope and depth of our quest for knowledge; and (c) furnished with adequate staff, who being trained in various ancillary scientific disciplines, can speak with authority on their particular fields of specialisation". Those remarks still hold good to-day; indeed they have become even more cogent in view of the fact that more sophisticated means are now being used by delinquents in the commission of crime.

### A Conference on Criminal Science

It is evident from the variety of the issues raised in this paper that their study requires the collaboration of men and women engaged in various but linked fields of criminology – lawyers and judges, pathologists and psychiatrists, laboratory personnel and other technicians, social welfare and probation officers, police officers and prison administrators. I, therefore, strongly emphasise the need for a conference, to be organised under the auspices of the Minister for Justice, to bring together all those engaged in the investigation and management of criminal behaviour to enable us to identify and study any deficits and gaps in our system of crime control; to obtain, as clearly as possible, an understanding of the mental processes of the offender; and to suggest the necessary remedial measures for the better control of delinquent conduct.

### Bibliography


Cassar, P. *The Insane Offender in Maltese Criminal Law.* **The Law Journal**, 1949, *2*,1.

Cassar, P. *Psychiatric Approach to the Study and treatment of the Adult Offender*, **The Law Journal**, 1950, *2*, 339

Cassar, P. *Insanity and Crime in Malta* **The Law Journal**, 1951, *3*,72.

Cassar, P. *Causes and Treatment of Child Delinquency*, , **Scientia**, 1955, *21*,71.

Cassar, P. *Il perito psichiatra nella legge criminale maltese, Scritti in onore di Cesare Gerin, Tomo I*, Rome, 1973, p. 101.

*Forum. Council of Europe. Quarterly*, No. 4, 1981.

•minn paġna 1

Wara Rivarola, ħa t-treġija tal-Korp il-Logotenent Kurunell Henry Balaneaves, b'kariga ta' Deputat Spettur Ġenerali. Ta' min isemmi li kemm Rivarola u Balaneaves għamlu wkoll xi żmien f'kariga temporanja ta' Logotenent Gvernatur fl-assenza ta' dan ta' l-aħħar minn Malta.[4] Ftit wara li temm il-kariga tiegħu bħala kmandant tal-Korp tal-Pulizija, fl-1833 Balaneaves ġie maħtur *Town Major* ta' Malta.[5]

Wara l-ewwel żewġ kmandanti militari, l-Korp tal-Pulizija għadda taħt it-tmexxija ta' l-ewwel uffiċjal ċivili,[6] Charles Godfrey li nħatar kmandant tal-Korp fl-ewwel ta' Jannar 1832 taħt kariga ta' Maġistrat tal-Pulizija Esekuttiva. Din il-kariga dbiddlet għal dik ta' Spettur tal-Pulizija b'effett mit-12 ta' April 1839.[7] Charles Godfrey miet f'Novembru 1844 meta kien għadu jokkupa l-kariga ta' kmandant tal-Korp tal-Pulizija għalkemm xogħolu kien diġa' qed jagħmlu dak li ħa t-treġija tal-Korp warajh.

Fl-1844 ġie maħtur Frederick Sedley bħala kmandant tal-Korp, li, kif diġa' issemma', kien għamel xi żmien aġent Spettur tal-Pulizija. Minn wara Sedley, fl-1858 sa' l-1915 il-Korp tal-Pulizija għadda taħt it-treġija ta' seba' kmandanti oħra taħt l-isem ta' Suprintendent tal-Pulizija u fl-1915, is-Sur Claude Woodruff Duncan inħatar Kummissarju tal-Pulizija, l-isem tal-kariga li għadu magħruf biha il-kmandant tal-Korp tal-Pulizija. (Beda jissejjaħ Kummissarju fl-1918).

Ta' min isemmi wkoll li f'Għawdex, fl-1838, spiċċa l-post ta' Logotenent Gvernatur u Kmandant Militari ta' Għawdex u Kemmuna u b'effett mil-31 ta' Marzu 1838, il-Maġġur C.A. Bayley, CMG li sa' dak iż-żmien kellu l-kariga hawn fuq imsemmija, inħatar bħala Spettur tal-Pulizija Esekuttiva għal Għawdex.[8] Bayley miet il-Marfa f'Awissu 1852 u ġie midfun fil-fortizza Chambret, Għawdex.[9]

Fl-ewwel żminijiet tiegħu (1842) il-Korp tal-Pulizija kien jikkonsisti fi Kmandant u Spettur għall-Għawdex, għaxar Ajjutanti u żewġ Sotto-Ajjutanti, erba' Surġenti Maġġuri, tlieta u tletin Surġent u mija u disa' u ħamsin Kuntistabbli.[10] Is-salarju ta' Kuntistabbli kien ta' £20 fis-sena filwaqt li s-salarju tal-Kmandant tal-Korp kien ta' £450 fis-sena. Kien hawn ukoll madwar 45 Għassa tal-Pulizija f'Malta u Għawdex.

Biex inkompli b'aktar tagħrif dwar il-kariga tal-Kmandant tal-Korp tal-Pulizija insemmi wkoll li fi Frar 1917 f'rapport dwar organizazzjoni tal-Korp tal-Pulizija, s-Suprintendent C. Duncan issuġerixxa li l-kariga ta' kmandant tal-Korp għandha tissejjaħ Spettur Ġenerali biex din tkun bħal dik ta' korpi ta' Pulizija oħra fil-kolonji Ingliżi.[11] Iżda jidher li ftit ingħata każ ta' dan is-suġġeriment għaliex b'effett mill-11 ta' Jannar 1918 il-kmandant tal-Korp beda jissejjaħ Kummissarju tal-Pulizija.[12]

Fir-rapport dwar rijorganizzazzjoni tal-Korp tal-Pulizija tal-Kummissarju Duncan aktar il fuq imsemmi, huwa ssuġerixxa wkoll li l-Pulizija jkollha l-kwartieri tagħha fejn



*FRANCIS RIVAROLA – L-ewwel Kmandant tal-Korp tal-Pulizija.*

— 420 —

MALTA POLICE.

Police Order No. 150

by

The Police Commissioners, Commanding.

VALLETTA, 16th SEPTEMBER, 1930.

1. APPOINTMENT.

Lt.-Colonel, G. G. S. Brander, O.B.E , to be a Commissioner of Police (Government Notitice No. 306/30).

***Ordni li turi l-ħatra tal-Log. Kurunel Brander bħala Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll il-kliem The Police Commissioners, Commanding.***

jiġu magħlma r-rekluti qabel joħorġu għax-xogħol barra. Kif se naraw il quddiem sa l-1919 il-Pulizija ma kelliex dawn il-kwartieri, iżda biss xi uffiċini fil-belt Valletta. Bħala post għal *Depot*, Duncan issuġerixxa l-*Old Laboratory Barracks* f'Marsamxett jew il-Palazz ta' l-Inkwiżitur fil-Birgu li dak iż-żmien kien vojt.[13] Kien ukoll il-Kummissarju Duncan li rriorganizza it-Taqsima ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali fl-1917 li kienet tissejjaħ *Detective Office*.[14]

Wara Duncan laħaq il-Kurunell Henry William Bamford O.B.E., li hu magħruf għall-bosta riformi li għamel fil-Korp u li kien ferm maħbub mill-membri tal-Korp. Interessanti wieħed isemmi li l-Kurunell Bamford qatt ma libes uniformi ta' Pulizija, iżda baqa' bl-uniformi militari li kellu.

Hawn ta' min isemmi li kien hemm perjodu fejn il-Korp kellu żewġ Kummissarji tal-Pulizija, jamministraw it-tnejn flimkien u mhux wieħed fl-assenza ta' l-ieħor. Dan kien fl-1930 fi żmien il-Kummissarju S. Galea li miegħu kellu lil Logotenent Kurunell Gustav Brander, O.B.E., li dam iservi fil-kariga ta' Kummissarju bejn Settembru 1930 u Ġunju 1932.[15] Matul dan iż-żmien l-ordnijiet lill-Pulizija kienu joħorġu minn *The Police Commissioners, Commanding*. X'kienet ir-raġuni ta' dan għad trid tinkiteb meta xi darba tiġi ppubblikata l-istorja tal-korp.

Hemm aktar tagħrif dwar il-kmandanti tal-Korp tal-Pulizija ta' dawn l-aħħar 168 sena, iżda semmejt xi wħud minnhom biss minħabba spazju u għaldaqstant għażilt dawk li għandhom xi rabta partikolari ma' ċerti riformi fil-Korp.

**Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija**

Kif diġà għidt fil-bidu tagħha, l-Pulizija ma kelliex dawk il-Kwartieri kif nafuhom illum u kellha biss xi uffiċini fil-belt Valletta msejjħa *Office of the Inspector General*, *Police Office*, jew *Central Police Office*.

L-ewwel *Police Office* kien fil-Palazz tal-Gvernatur, il-Belt Valletta, li l-entratura għal dan l-uffiċċju kienet minn Triq l-Arċisqof. F'dawn l-uffiċini kien hemm il-kmandant tal-Korp u xi assistenti tiegħu flimkien ma xi skrivani (mhux pulizija). F'Mejju 1872 l-uffiċċju tal-kmandant tal-Korp ġie trasferit għal Nru. 152, Strada Stretta, li kien jiġi taħt il-qorti l-antik.[16] Fl-1917 dan il-post beda jissejjaħ *Commissioner's Office*.



**Il-Kummissarju Bamford – magħruf għal bosta riformi fil-Korp tal-Pulizija.**

Fl-1 ta' Diċembru 1919 il-Pulizija okkupat l-ewwel Kwartieri tagħha fis-Sacra Infermerija, llum Dar il-Mediterran Għall-Konferenzi u li qabel daħlet hemm il-Pulizija kien jintuża bħal sptar militari.[17]

Konsegwenza tal-gwerra (1939–45) il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija kellhom jiġu trasferiti għall-Fleur de Lys, fl-Istitut Vincenzo Bugeja u kien ukoll imsejjaħ *Police War Headquarters*.

Mill-15 ta' Marzu 1954 il-Pulizija okkupat Kwartieri Ġenerali oħra fil-Furjana fejn għadha hemm sal-lum u fejn qabel daħlet il-pulizija kien iservi ta' Sptar Ċentrali.

L-għan ta' dan l-artiklu ma kienx biss biex wieħed jagħti xi tagħrif dwar l-Istorja tal-Korp tal-Pulizija, iżda wkoll li wieħed ifakkar fit-12 ta' Lulju, d-data meta twieled il-Korp, liema data b'dispjaċir wieħed jinnota li qatt ma ġiet ċelebrata bħala *Jum il-Pulizija*.

**Referenzi**


1. *Storja ta' Malta*, Andrew P. Vella
2. Address of His Excellency the Governor to the Judges, Consuls, and other Legal Authorities, 2nd January 1815, antecendently to the opening of the First Term of the Courts of Law for the year 1815.
3. *History of The Royal Malta Artillery (1800–1939)*, A. Sammut Tagliaferro.
4. Proklama, VI/1835.
5. M.G.G. 21.8.1833.
6. M.G.G. 1.12.1832.
7. M.G.G. 12.4.1838.
9. *The Malta Times*, 17.8.1852.
10. *Classification of the Profession, Trades or Occupations of the Population of Malta and Gozo*, M.G.G. 31.12.1842.
11. *The Duncan Report*, 1917.
12. *Ordinance No. 11/1918.*
13. *The Duncan Report, 1917.*
14. *Police General Order No. 1 of 1917 dated 16.7.1917.*
15. *Government Notice No. 306 of 1930.*
16. M.G.G. 14.5.1872.
17. *Police General Order No. 21, dated 10th December 1919.*

# PROTECT AGAINST FIRE AND BURGLARY WITH A CHUBB SAFE

The famous firm of Chubb have manufactured this safe especially for the smaller office or business. The Chubb Commerce Quality Safe resists burglars and fire too. It offers strong protection against attack by explosives and drill, and is competely surrounded by Chubb fire-resisting material, tested and approved by independent authorities. For a reasonable price the security of a Chubb Safe can be yours. Come and see the Chubb Commerce Quality Safe.

(Possibly a Chubb Wall Safe will serve your needs. Why not come and see that too?)



## PHILIP TOLEDO LTD

NOTABILE ROAD
MRIEHEL – MALTA
TELEPHONE: 44747–45566
CABLES: MEDIA–MALTA

Please send me your Free details about Chubb Safes

Name ______________________

Address ______________________

______________________

# Cars for all occasions




## merlin CAR HIRE

Mountbatten Str.,
Blata l-Bajda.
Tel: 23131

# IL-PROGRESS FIT-TOROQ TAGĦNA

## minn Alfred Abela (Spettur tat-Traffiku)

X'qed isir fit-toroq ta' Malta u Għawdex ħalli jonqos il-periklu fis-sewqan? F'dawn l-aħħar snin sar progress enormi f'dak li hu twessieħ u ftuħ ta' toroq ġodda, iżda dan kollu mhux dejjem iservi biex inaqqas il-periklu fit-toroq tagħna. Bil-kemm wieħed ma jasalx biex jgħid li t-twessieħ ta' toroq iħajjar lil ċerti sewwieqa, speċjalment dawk żgħażagħ, biex isuqu l-vetturi tagħhom b'veloċità eċċessiva biex bħal li kieku jkunu qed juru l-kapaċità tagħhom. B'dana kollu wieħed m'għandu qatt itellef il-mertu li ħaqqu min qiegħed isebbaħ it-toroq tagħna u fl-istess ħin inaqas l-istaġnar tat-traffiku.

Iżda, l-iżjed importanti huwa l-programm li ġie ntrodott f'dawn l-aħħar sentejn fejn ingħata bidu għal dawk imsejjħa *Traffic Schemes*. Dawn huma skemi li bihom kull belt jew villaġġ ta' Malta u Għawdex jiġi studjat minn sotto-kumitat tal-Bord tal-Kontroll tat-Traffiku u wara dan l-istudju, jsiru dawk il-bżonnijiet, bħal *one-ways*, *No Stopping* u oħrajn. Dan qed isir bil-għan li jipprovdi postijiet għall-ipparkjar ta' vetturi mingħajr ma jinħoloq ingumbrar fit-triq. B'din is-sistema, qed jiġi ffrankat it-telf ta' żmien li kien ikun hemm qabel, meta ħafna nies kienu joqgħodu jiktbu u jissuġġerixxu sistemi ġodda dwar sewqan fit-toroq tal-belt jew raħal tagħhom.

B'hekk ukoll, waqt li jkunu qed isiru xi tabelli ġodda, jinbidlu jew jinżebgħu dawk li jkunu diġà fil-post, kemm-il darba jkun hemm il-bżonn.

Sar progress ukoll f'dik li hija żebgħa ta' l-art. Wieħed illum jinnota illi fejn kull tabella ta' *Stop* li qed titwaħħal, qiegħda tinkiteb biż-żebgħa ma' l-art l-istess kelma. Ta' min isemmi post partikolari, Ta' Xbiex (ħdejn il-*Housing Estate*) fejn hemm triq li wħud mis-sewwieqa ma kienux jafu li hija *two ways* bil-konsegwenza li dawn ma kienux qed isuqu fuq in-naħa tax-xellug tat-triq u għalhekk inżebgħat linja tul it-triq kollha biex tindika li t-traffiku jiġi miż-żewġ naħat. Anke dik li hija tip ta' żebgħa – din qed tkun aħjar. Din iż-żebgħa ma' l-art tinkludi wkoll il-*Pedestrian Crossings* li qed jinżebgħu kollha mill-ġdid. Dwar dawn il-*pedestrian crossings* wieħed irid igħid li faċli li ta-qbad u tiżbogħ *pedestrian crossing* ma' l-art, iżda huwa daqshekk ukoll faċli li minflok tkun qed tgħin biex issalva l-ħajja ta' bniedem minn xi inċident tat-traffiku waqt li jkun jaqsam it-triq, tkun qed tipperikolalu aktar ħajtu. Għaldaqstant, qabel ma tiġi allokata *Pedestrian Crossing*, isir studju sewwa biex kemm jista' jkun, din ma tkunx f'xi dawra jew kisra jew f'xi post ieħor ta' periklu għal min jużha u kultant, ikun aħjar jekk ma ssir xejn milli ssir f'xi post perikoluż.

Bl-iskop li dejjem jonqos il-periklu għal dawk li jaqsmu t-triq, ġiet ukoll introdotta sistema ġdida ta' dwal fejn ħdejn il-*Pedestrian Crossings* qiegħdin jitwaħħlu arbli ta' tliet pulzieri wisa'. Dawn l-arbli huma mgħammra bi globi ta' pied djametru u ta' kulur *amber* li matul il-lejl ikun jitfi u jixgħel sabiex jiġbed l-attenzjoni tas-sewwieqa. Taħt dan il-globu, hemm fanal li jitfa dawl qawwi għal fuq l-art. B'dan id-dawl, min ikun qed jaqsam it-triq, ikun jidher aktar. Din is-sistema ta' dawl fuq il-*pedestrian crossings*, ġiet introdotta dawn l-aħħar xhur u jidher li ntlaqgħet tajjeb.

Iżda dan il-progress kollu, kultant jitfarrak minħabba l-atti ta' vandaliżmu li jsiru. Illum issib tabelli mgħawġin b'vendikazzjoni; oħrajn imdawwrin bil-kontra u b'hekk jifthemu mod ieħor; saret ukoll ħsara fis-sistema 'l ġdida ta' dawl fuq il-*pedestrian crossings* li tkellimna fuqha. Kieku kulħadd jifhem sewwa xi tfisser din il-ħsara u x'konsegwenzi jista' jkollha, kieku żgur li dawn l-atti hekk koroh u bla sugu jinqatgħu darba għal dejjem.

Iżda dan il-progress fit-toroq mhux biżżejjed, is-sewwieq għandu wkoll il-parti tiegħu x'jagħmel. Jekk kull sewwieq li jkun qiegħed isuq vettura, li meta tintuża ħażin, tista' tagħmel ħsara daqs kwalunkwe arma, kif ukoll kull bniedem ieħor li jagħmel użu mit-triq, ma josservawx ir-Regolamenti tat-Traffiku, dan ix-xogħol kollu li qed isir ma jkun iservi għal xejn. Għal xejn ikunu saru dawk it-tabelli u sistemi ġodda li għall-pajjiż isarrfu somom kbar ta' flus u ta' piż fuq il-komunità. Għalhekk kulħadd, b'mod partikolari s-sewwieqa, għandu josserva r-regolamenti tat-traffiku biex dejjem inaqqsu l-inċidenti fit-toroq tagħna. Għandna wkoll ngħinu biex ma jsirx vandaliżmu li l-ħsara tiegħu trid titħallas jew bil-ħajja ta' bniedem ieħor jew bil-flus li jkun ħareġ il-poplu stess bħala taxxa u għaldaqstant nagħmlu appell lill-pubbliku biex jirrapporta dawn l-atti ta' vandaliżmu.



Sistema ġdida ta' dawl fejn Pedestrian Crossings.

# Spend a day at Ramla Bay



Dine on our terraces overlooking the sea. Relax on our Private Sandy Beach or by the Lido Pool (Entrance Free to Luncheon Patrons). Enjoy our watersports facilities, including our Internationally Affiliated (VDWS, IWS, RYA) Windsurfing School Courses plus Sailing and Waterskiing.



Malaysian Chicken Curry with steamed Rice and Sambols and our Speciality Cold Buffet served on Sundays.
Buffet Luncheon and Snack Bar available daily during the week.



Barbecues every Friday night by the Caves Pool Lido — Dance, Dine and swim to the latest Disco Music.

**Telephone: 573521/2 for reservations.**

**RAMLA BAY HOTEL — MARFA**



# End your disc-flipping blues.

Two cartridges trace both sides — automatically.




Note Depending on the market the speaker system may differ from that shown in the illustration here. Be sure to use the appropriate illustration for your market

**Sharp's audio adventure, taking you there now.** Just slip in your favorite disc, press a key, and play begins—automatically. Continuous play of sides A and B, without turning over the disc. Endless repeat, one side or both. Or random play. All with cassette-easy handling convenience. From Sharp, the company that gets you from here to there. • *Two linear tracking arms each with own cartridge* • *Micro-computer-controlled full-auto player with auto disc-size detection* • *Dolby* NR*

**VZ-3000**
**Both Sides Play Disc Compo System**

**SHARP**

# ĦIDMA TA' HELMUT ZIEGNER FOST IL-ĦABSIN

## minn E.A.

F'diversi ħarġiet ta' dan il-magazine dehru artikli mid-Direttur tal-Ħabs, is-Sur R. Theuma, dwar ir-rijabilitazzjoni tal-ħabsin u dan fakkarni fix-xogħol bla heda ta' attur Ġermaniż, Helmut Ziegner li għal bosta snin stinka kemm felaħ biex jitneħħew il-preġudizzji kontra dawk li joħorġu mill-ħabs u li dawn jerġgħu jingħataw ċans fis-soċjetà. Ziegner dejjem emmen li l-aħjar mod li tnaqqas il-kriminalità huwa li dbiddel il-ħajja ħażina tal-kriminal qabel ma jkun tard wisq, u biex tagħmel dan, huwa meħtieġ li lil ħabsi terġa' ttieħ ċans ieħor fis-soċjetà u tgħinu ma jirrepetix l-iżball li jkun għamel qabel. Jekk, skond Ziegner, ma jingħatax dan iċ-ċans, allura wisq probabbli, li dak li ħareġ mill-ħabs se jerġa' jispiċċa l-ħabs.

Helmut Ziegner, li llum għandu mas-sittin sena, beda biex qatta' l-ħin liberu tiegħu jgħin lil dawk li kienu joħorġu mill-ħabs biex jerġgħu jsibu posthom fis-soċjetà. Huwa kellu l-ewwel laqgħa mal-ħabsin fl-1949 meta bħala attur huwa attenda għall-*play* li kienet saret fil-ħabs ta' Lehrterstrasse, f'Berlin. Iżda moħħ Ziegner kien aktar fil-500 priġunier tal-ħabs li kienu preżenti għal dik il-*play* milli fil-play innifisha. Għall-ewwel darba, Ziegner irrejalizza li l-priġunieri kienu nies li jidħku u jibku; li jittamaw u jibżgħu; fi kliem ieħor, nies bħal l-oħrajn. Wara li ħalla l-ħabs, Ziegner ħass li għandu jsir jaf aktar dwar il-ħabsin u akkwista permess biex iżur il-ħabs ta' fejn kien joqgħod u jqatta' ftit ħin jitkellem mal-ħabsin. Hawn Ziegner tgħallem li filwaqt li l-ħabsin ikollhom seba' mitt sena sakemm joħorġu mill-ħabs, iżda meta jkunu waslu biex iħallu l-ħabs wara li jiskontaw is-sentenza, taqbadhom ċerta biża li meta se jħallu l-ħabs, dawn se jsibu ruħhom weħedhom, mingħajr flus, mingħajr xogħol u mingħajr ebda għajnuna. Dan kollu, ħaseb Ziegner, jista' jwassal li l-ħabsi jerġa' lura għall-ħajja ħażina ta' qabel u konsegwentement jerġa' jispiċċa lura fil-ħabs.

Aktar ma għadda ż-żmien, Ziegner sar konxju tal-problemi tal-ħabsin u ddeċieda li jintefa' b'ruħu u ġismu biex jgħinhom fil-problemi tagħhom. Din il-missjoni ta' Ziegner kienet iebsa u diffiċli għal bosta raġunijiet. Biżżejjed insemmu li filwaqt li Ziegner ma kienx isib dik il-koperazzjoni mixtieqa mill-awtoritajiet, kien hemm ukoll drabi li din il-koperazzoni kienet tonqos ukoll mill-istess ex-ħabsin li Ziegner kien qed jipprova jgħin. Dawn kienu mumenti koroh għal Ziegner u li ma kienitx għad-determinazzjoni li kellu għax-xogħol fejjiedi li kien qed jagħmel, kieku kien iħalli kollox għaddej.

Iżda Ziegner kellu wkoll mumenti ta' ferħ u sodisfazzjon f'dak li kien qed jagħmel meta bil-ħidma tiegħu kien verament jgħin ħabsi jerġa' jsib postu fis-soċjetà bħal każ li se nsemmu:

Darba waħda, wieħed li kien għadu ħiereġ mill-ħabs wara li skonta sentenza dwar serq ta' flus mill-kumpanija li kien jaħdem magħha bħala *accountant*, mar iżur lil Ziegner fid-dar tiegħu tiegħu bl-iskop li jitolbu jgħinu jsib post fejn jaħdem u fejn joqgħod sakemm sablu x-xogħol, Ziegner stiednu joqgħod miegħu. Wara ħafna taħbit, Ziegner irnexxielu jsiblu post fejn jaħdem – iġorr il-bricks ma' kuntrattur. Iżda Ziegner ma waqafx hawn għaliex ta' kuljum huwa kien iżur il-dan l-ex ħabsi fuq il-post tax-xogħol li xejn ma sata' jidhra x-xogħol minħabba, naturalment l-istrapazz, u kieku ma kienx għall-kliem ta' nkoraġġiment ta' Ziegner, kieku dan ir-raġel żgur kien iħalli dan ix-xogħol. Ta' min wieħed isemmi li dan ġara fil-ħamsinijiet, żminijiet ta' wara l-gwerra meta kien hemm qagħad kbir fil-Ġermanja tal-punent. Iżda wara xi żmien, dan ir-raġel dara x-xogħol u ftit taż-żmien wara, huwa ġie trasferit għall-xogħol f'uffiċċju tal-kuntrattur u fi żmien sena u nofs huwa sab ruħu iċ-Chief Accountant tal-kuntrattur.

Peress li, kif issemma qabel, li dak iż-żmien kien hemm nuqqas kbir ta' xogħol u wieħed kien jaħsibha aktar minn darba biex jimpjega ex-ħabsi miegħu, għaldaqstant Ziegner ipprova u rnexxielu joħloq huwa stess xogħol għal l-ex-ħabsin billi b'xi flus li huwa kellu, għen lil wieħed li kien għadu ħiereġ mill-ħabs biex jiftaħ ħanut tal-merċa. Barra minn dan, huwa xtara xi *typewriters* qodma u fetaħ ħanut fejn jissewwew u jinbiegħu t-*typewriters*. B'hekk huwa pprovda xogħol lil seba' ħabsin.

Fl-1954, is-sid ta' fabbrika kbira f'Berlin offra lil Ziegner xi makkinarju qadim li kien qed jinbidel fil-fabbrika. Ziegner mill-ewwel aċċetta din l-offerta u kera post u wara li ġarr xi magni li ingħata, mpjega ħmistax-il ex-ħabsi u bdew jipproduċu biċċiet tal-plastic għas-'switches' u tagħmir ieħor ta' l-elettriku. Bħala shift manager tal-fabbrika, Ziegner impjega wieħed li kien għadu kemm skonta sentenza ta' tmienja u għoxrin sena ħabs.

Iżda mhux kollox kien għaddej ward u żahar, għalkemm Ziegner kien qed jipprovdi x-xogħol għal dawn l-ex-ħabsin. Xi drabi kien ikun hemm min ma jattendix għax-xogħol u Ziegner flimkien mal-Manager tal-fabbrika, kienu jmorru jfittxu lil min falla x-xogħol u dan ta' sikwit kien jinsab fil-kumpanija ta' delinkwenti u ex-ħabsin li ma riedux jabqdu t-triq it-tajba. Meta Ziegner kien jirnexxielu jsib in-nagħġa mitlufa, huwa ma kienx joqgħod jagħmel xi ħafna paniġirki, iżda jgħid lil dak li ma marx għax-xogħol li meta jrid, hu jista' jerġa' lura għax-xogħol fil-fabbrika.

Barra mill-ħidma tiegħu ma' l-ex-ħabsin, Ziegner ta wkoll bidu biex jingħata x-xogħol bi ħlas fil-ħabsijiet u dan beda fil-ħabs ta' Moabit meta bdew jaħdmu sittin ruħ f'xogħol ta' ħadid użat fil-concrete. Meta raw dan is-suċċess, l-awtoritajiet Ġermanizi talbu lil Ziegner biex jiftaħ ħwienet oħra tax-xogħol f'ħabsijiet oħra u ta' dan, l-awtoritajiet Ġermaniżi offrew għajnuna finanzjarja lil Ziegner.

Fl-1957 Ziegner waqqaf il-*Universal Foundation*, istituzzjoni li kienet titmexxa minn negozjanti, awtoritajiet ċivili u nies oħra li kellhom interess firriformi tal-ħabs u r-rijabilitazzjoni tal-ħabsin. Taħt it-tmexxija ta' Ziegner, din l-istituzzjoni xtrat għodod u makkinarju kif ukoll materjal biex twaqqfu

*(ikompli f'p. 20)*

Pedrollo s.p.a.

QUALITY PUMPS



GUARANTEED BALANCED BRONZE IMPELLERS

ECS E. CALLEJA & SONS LTD.

ELECTRICAL & WATER FITTINGS SUPPLIERS.

7 FLEUR-DE-LYS RD., B'KARA 241 MSIDA STR., B'KARA TEL: 40341-40342

FOTO COLOR

PROCESSING LABORATORIES LTD.

3M Film

Freedom Street, Qormi

Telephone: 46842

Telex: TOPAZ 832 MW

P.O. Box 26, B'Kara, Malta.

# Police Around The World
# *FINLAND* (PART I)



### History and General Facts

The geographical location and history of Finland have made it a meeting ground between the Scandinavian countries and Russia. Our country has an area of 337,000 square kilometers and a population of nearly 4,700,000. The thousands of lakes connecting rivers and islands as well as the vast forests have influenced the economic and political life of our country.

Like other Finnish institutions, the police force is proud of a long history of development reaching back into the 13th century. The outstanding feature of this Department has been the continuous strengthening of the power of the national government in the police field. The change toward centralization of the police authority has continued for the past seven hundred years without regard to the political situation. This gradual change continued slowly but surely in Finland during centuries of allegiance to the Swedish Crown, more than a hundred years as a Russian Grand Duchy and for the past fifty years as an independent republic.

At present, the Finnish Police is an organ of the national government. Even though towns contribute one third of police expenditure, the strength, organization and operations of both rural and urban police are exclusively determined by authorities of the national government.

The police organization and the principles of police work are based on the Police Act of 1966 and on the Police Statute of 1969.

The whole strength of our police force is now about 8,600 including the secretarial personnel. The compulsory retirement age is 60 years for constables and overconstables and 67 years for other persons. The pension laws are exactly the same as for other state officials.

The number of crimes known to the police was in 1968 about 304,000 including also all kinds of misdemeanours.

### The Direction of Police

Supreme direction of the police rests upon the Minister of the Interior who has a special department for police affairs in his ministry. The chief of this department serves as a professional chief of police throughout Finland and is called Commander-in-chief. His immediate assistant and deputy chief is called the Inspector General of Police.

The Department for Police Affairs is divided into six bureaus; these are the Administrative Burea, the Uniformed Police Bureau, the Criminal Police Bureau, the Technical Bureau, the Motorvehicle Bureau and the Alien Bureau. These bureaus are headed by chiefs, policemen, who are administrative government officials as well. The civil service officers of these bureaus also have experience in all kinds of police work.

The direction and supervision of the police activities in the twelve administrative provinces of Finland are the responsibility of the provincial governments. These provinces only serve the purposes of national government administration and have no self-government. Provincial governors are appointed and they carry on control over urban and rural local administrative areas. They are also responsible for the police in their respective provinces. An Inspector of Police in each province, however, provides the professional direction and supervision. In 1944 these inspectors were also given prosecution responsibilities in serious cases. As prosecutors, the inspectors of police are directly subordinate to

*cont. on p. 19*

TLUGĦ KULL GIMGĦA FIS-2 P.M.
BILJETTI 25c IL-WIEĦED
MINGĦAND IL-BANEK TAL-LOTTU
IL-KJOSKS U L-AGENTI AWTORIZZATI

£M2,000 L-EWWEL PREMJU

ZEWG PREMJIJIET TA'
£M500
IL-WIEĦED

ĦAMES PREMJIJIET TA'
£M100
IL-WIEĦED

ĦU SEHEM
JEKK TRID TIRBAĦ
IXTRI BILJETT ISSA!

Steamship Clearing Forwarding, Insurance and Tourist Agents

Agents for Admiralty Charts and other Hydrographical Publications

Automobile Association Representatives

**THOS. C. SMITH & CO. LTD.,**

12, St. Christopher Street, Valletta.

**Telephone 625071 - 28180**

*Cables:* **SMITH MALTA**

*Telex:* **MW272 — SMITH 272**

*cont. from p. 17*

the Chancellor of Justice and they superintend the police prosecutors of the provinces.

The active part of the Police Force consists of the General Police, the Central Criminal Police, the Security Police and the Mobile Police. The supporting units are the Police Academy, the Police Kennels, the Police Motor Pool, the Police Armory, the Police Equipment Depot and the Police Communications Depot.




**The General Police**

The general (or local) police operates under the provincial government. The provinces are divided into police districts which generally correspond with local authority areas i.e. municipalities. Each town constitutes a police district, while a rural police district may include one or more municipalities. New towns, established after the 1st of January 1959 are at present still rural police districts or parts of them.

Police districts are headed by a police chief. A law degree is required of police chiefs of the largest towns and rural districts.

The police chiefs are directly subordinate to the provincial inspectors of police.

Depending on the size of the urban police department, the policeman next in rank may be an assistant police chief, a police secretary, a police commissary (captain, lieutenant) or an overconstable (sergeant). The main divisions in town police forces consist of departments of criminal investigations and uniformed police. In addition, larger towns may have traffic and social divisions. The uniformed police operates from precinct stations and the criminal police usually acts from the police headquarters of the town. Detectives are specialized in investigation of certain types of crimes but they also have a good general knowledge of general criminal investigation work.

Rural districts may also have assistant chiefs in their police force, depending on the population and the size of the district. These assistants mostly direct the work of the criminal police, unless they are public prosecutors instead of the chief. The largest rural districts act very much in the same way as town districts i.e. they have the same special divisions as the towns. The largest rural district has a staff of 95 and the smallest only of 3 persons.

The rural police is in charge of a considerable number of administrative duties as well, such as tax collection, distraint, execution of sentences etc.

Continuing a practice which evolved when Finland was under the Swedish Crown, the rural chiefs also serve as public prosecutors in their districts. In many of Finland's isolated and sparsely settled rural districts, the police chief is the outstanding public figure people depend on, in fact he is sort of a "father confessor".

**The Police Department of Helsinki**

Helsinki, the capital of Finland has about 520,000 inhabitants and it is only natural that the Helsinki department is the largest of all police-units in Finland and also the best organized. The police chief here has the rank of Police Commander and under him are the assistant chief, the chief of CID and the judicial assistant. The whole staff is now about 1970, but as you will see below the department has many duties outside the actual police work.

The main divisions of the department are the secretarial division, the division of economics, the precincts, the central division, the mounted division, the division of motor vehicles, the criminal investigation department, the traffic division, the social division, the division for passports and the division of registrations.

The city area is divided into nine precincts. Their staff performs all the duties of the uniformed police and investigates crimes which do not belong to the criminal investigation department. In addition to the normal police work the precincts also inspect certain professionals, especially hotels and restaurants. The chief of the precinct also acts as a public prosecutor in misdemeanours tried by reports only.

The central division has duties in the whole city area in assisting the precincts, and its personnel serves as police reserve, when needed. The radio cars and boats also operate under the central division.

The mounted division is mainly used for patrolling the sparsely settled suburbs and forest areas and at gatherings. The division of motor vehicles takes care of all the 88 motor vehicles of the department.

TO BE CONTINUED

# MILL-IMGĦODDI

Qabel nagħti tagħrif dwar ir-ritratt antik li qed jidher f'din il-ħarġa, nixtieq ngħid li wara li jidher xi ritratt ta' din ix-xorta, jkun hemm ħafna min jitlobni xi kopja żejda tal-magazine jew ir-ritratt innifsu għar-raġuni li jkun hemm jidher fih xi membru tal-familja tiegħu. L-istess jiġri għar-ritratti ta' l-ex-membri tal-Korp li jidhru taħt il-*Mutual Help Association* (tal-mejtin); jiskantani l-fatt li ħafna drabi l-familjari tal-mejjet ma jkollhomx ritratt ta' l-individwu liebes l-uniformi.

Fir-ritratt ta' din il-ħarġa li huwa meħud madwar sebgħin sena ilu, jidher l-Ispettur Salvu Galea, li fl-1928 sar Kummissarju tal-Pulizija, flimkien mal-membri tal-Korp ta' xi divizjoni, probabbilment fid-distrett tas-Central (illum No. 3 District). Ir-ritratt meħud f'xi bitħa ta' Għassa tal-Pulizija. Bil-qegħda fuq il-lemin jidher il-kapural li wara sar Surġent, Santu Azzopardi (Nru. 113) li għandi ħafna ritratti tiegħu fil-kollezzjoni tiegħi. Fuq wara (xellug) jidher dak il-famuż pulizija bid-daqna. Wieħed josserva kemm kienu moda l-mustaċċi fost il-membri tal-Korp u f'dan ir-ritratt insibu li kollha huma bil-mustaċċi u mhux biss, għaliex għandek ċiversi stili ta' mustaċċi.



•*minn paġna 15*

ımintax-il ħanut tax-xogħol f'diversi ħabsijiet ta' Berlin tal-Punent u dawn ħaddmu mitejn u ħamsin ruħ. F'dawn il-ħwienet tax-xogħol, il-ħabsin mhux biss tgħallmu jaħdmu, iżda saru jafu x'inhuma r-responsabiltajiet tax-xogħol u dan wassal ukoll biex bdew jaqalgħu l-flus minn ġol-ħabs. Barra minn dan, il-ħabsin setgħu wkoll jattendu għall-korsijiet ta' taħriġ f'ċerti snajja b'kisbiet ta' ċertifikati li kienu ta' għajnuna kbira biex wieħed isib ix-xogħol kif iħalli l-ħabs.

L-istituzzjoni li waqqaf Ziegner, ħadet ukoll ħsieb tiftaħ ċentru barra mill-ħabs għaż-żgħażagħ fejn dawn setgħu jitgħallmu snajja u wara jinstabilhom ix-xogħol.

Fl-1965 Ziegner waqqaf l-organizazzjoni msejħa UNIHELP bil-għan li dak ix-xogħol li beda hu, jitkompla u l-priġunier isib min jgħinu wara li joħroġ mill-ħabs. Għalkemm fil-bidu tat-twaqqif ta' din l-organizazzjoni ma kienx hemm dawk ir-riżultati mixtieqa, iżda wara xi żmien, bil-għajnuna ta' organizazzjonijiet oħra kif ukoll ta' trade unions u kumpaniji tax-xogħol, il-UNIHELP bdiet tagħti l-frott tagħha fit-twettieq tar-rijabilitazzjoni tal-ħabsin.

Għal din il-ħidma kbira fost il-ħabsin, Ziegner ġie mogħti il-*Grand Cross of the Order of Merit*, l-unika dekorazzjoni li jista' jiġi mogħti ċittadin fil-Ġermanja tal-Punent.